KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 013/2022

21 ta' Lulju 2022

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius, Sindku , ippresjeda il-laqgħa

## 13.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

13.1.1 Ma kienx hemm

## 13.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

13.2.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

13.3.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

13.4.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

13.5.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.6 Management Lettier**

13.6.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.7 Risposta ghall-Management letter**

13.7.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.8 Sejhiet ghall-offerti**

13.8.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.9 Rapporti**

13.9.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.10 Attivitajiet**

13.10.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta

**13.11 Gnien Kottoner**

13.11.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta’ masterplan ghal Gnien Kottoner. Is-Sur Agius sahaq kif wara li l-Kunsill Lokali kien ipprezenta l-master plan lil Parks Malta, l-istess entita’ kienet zammet diskussjonijiet interni qabel jigi approvat il-progett u kienu gew proposti xi emendi zghar. Huwa qal illi l-perit tal-Kunsill Lokali kien gie mqabbad jinkludi l-emendi u sussegwentement kien qieghed jigi intavolat mill-gdid il-masterplan hekk kif emendat ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

F’dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier Johann Scerri (17:00)

13.11.2 Segwiet diskussjoni libera, li matulha, filwaqt li kien hemm qbil unanimu dwar l-abbozz il-gdid, giet diskussa il-possibilita’ illi jkun hemm l-inkluzjoni ta’ *recovery area* ghall-qtates fil-parti ta’ isfel ta’ Gnien Kottoner. F’dan l-istadju il-Kunsillier James Cauchi ressaq proposta sabiex l-istess recovery area tigi inkluza fil-masterplan, liema proposta giet issekondata mis-Sindku u ghaddiet b’erbgha voti favur u astensjoni wahda. Fuq talba tal-Kunsillier Cauchi registrati l-voti li kienu s-segwenti:

- Marco Agius – Favur
- Noyah Spiteri Hammett – Favur
- Martin Vella – Astensjoni
- James Cauchi – Favur
- Rita Gatt - Favur

**13.12 Bins-on-wheels**

13.12.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie nnutat illi kien qieghed ikun hemm kwantita’ ta’ skart u skart goff madwar bin-on-wheel li kien hemm fi Triq l-Irlandizi. Huwa sahaq li l-Kunsillier Martin Vella kien issorvelja s-sitwazzjoni u filwaqt li kien gie kkonfermat li kien qieghed ikun hemm kwantita’ ta’ skart kellu jigi determinat jekk dan kienx gej mill-fatt illi kien hemm il-htiega ta’ bin-on-wheel ohra ghaliex wahda ma kenitx bizzejjed.

13.12.2 Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi kellha tintbaghat ittra lir-residenti tal-madwar bil-ghan illi jitnaqqas l-ammont ta’ skart goff li kien qieghed jintefa’. Is-sitwazzjoni kellha tibqa’ tigi ssorveljata u l-Kunsill Lokali kellu fil-futur qarib jiehu decizjoni dwar il-materja.

**13.13 SGS Norway Grants – 3rd call**

13.13.1 Is-Sindku informa lill-membri prezenti illi d-Divizjoni ghall-Gvern Lokali kienet habbret illi kienet regghet infethet ghall-Kunsilli Lokali l-iskema SGS Norway Grants li ghaliha l-Kunsill Lokali ta’ Bormla kien eligibbli biex japplika. Huwa stieden lis-segretarju Ezekuttiv sabiex jaggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

13.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wara li spjega fid-dettall l-iskema u x'kien eligibbli ghall-fondi, informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-istess skema kien diga' gie sottomess progett mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, liema progett ma kienx gie maghzul minhabba diffikulta' teknika. Is-Sur Hall zied jghid illi l-kuncett tal-progett kien wiehed validu fil-principju.

13.3.3 Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi kemm il-darba jkun possibbli, il-Kunsill Lokali kellu jissottometti applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi permezz tal-progett li kien diga' gie sottomess. Kellha tigi evalwata l-possibilita' illi l-applikazzjoni ssir bil-kollaborazzjoni ta' SEM.

**13.14 Haddiema taht l-iskema CWSEF**

13.14.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi impjegat ta' CWSEF li kien jaghmel ix-xoghol ta' xufier ta' servizz ta' trasport minghajr hlas li l-Kunsill Lokali kien joffri kien temm l-impjieg tieghu u fuq parir tas-Segretarju Ezekuttiv kien hemm il-htiega illi jigi identifikat individwu iehor. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi l-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti flimkien ma' numru ta' materji ohra relatati ma' haddiema ta' CWSEF assenjati sabiex jahdmu mal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

13.14.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet proposta sabiex haddiem ta' Engineering Resources Ltd. Jigi sekondat mal-Kunsill Lokali ta' Bormla b'dan tal-ahhar ihallas is-salarju. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-proposta ma' kelliex tigi milqugha

13.14.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi haddiem ta' CWSEF kien avvicinah u talab sabiex jigi assenjat jaghmel xoghol mal-Kunsill Lokali ta' Bormla wara li kien twaqqaf mill-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid. Il-Kunsill Lokali stabilixxa illi fis-sitwazzjoni, ma kienx ghaqli illi jizdiedu haddiema.

**13.15 Progett fi Pjazza Santa Margerita (SPI.SPI.03/2020 – Finanzjament ta' progetti kapitali – Accessibilita' u Mobilita'.)**

13.15.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li jigi diskuss progett li l-Kunsill Lokali kien applika ghalih permezz ta' skema mahruga mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali ( SPI.SCI.03/2020). Is-Sur Agius sahaq illi wara li kien iddiskuta ma xi kunsilliera hass li kien jinhiteg ikun hemm diskussjoni rigward triq li kien hemm bejn il-bandli u gabbana li kien hemm fi Pjazza Santa Margerita u l-possibilita' illi l-istess triq tigi mressqa biswit is-sur bil-ghan illi jonqos il-periklu filwaqt li ma jinholoqx inkonvenjent ghas-sewwieqa.

13.15.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-materja. Kien hemm qbil illi t-triq imsemmija kellha possibilment tigi mcaqilqa ghal taht is-sur hekk kif propost. Il-Kunsill Lokali gie mgharraf illi l-fondi li minnhom kien ser jibbenefika d-dipartiment ghall-Gvern Lokali ma kienux ser ikunu bizzejjed sabiex ikopru l-ispejjez mehtiega.

Dwar dan kien hemm qbil illi l-istess dipartiment ghall-Gvern Lokali kellu jigi infurmat bil-materja.

**13.16 Charging Pillars fil-lokalita'**

13.16.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kienet waslet korrispondenza li kienet qieghda tipproponi l-installazzjoni ta' numru ta' charging pillars fil-lokalita', liema korrispondenza kienet diga giet iccirkolata lill-Kunsilliera. Is-Sur Agius stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jghaddi dettalji tal-proposta lill-Kunsilliera li kienu prezenti.

13.16.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda dettalji dwar il-postijiet li fihom kien qieghed jigi propost li jigu installati charging pillars kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni.

**13.17 Permessi mahruga mill-Kunsill Lokali**

13.17.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-materja kienet tnizzlet fuq l-agenda peress li kien hemm numru ta' talbiet sabiex il-Kunsill Lokali johrog permessi ghal makkinarju f'toroq li dwarhom fil-passat qarib kienet ittiehdet decizjoni sabiex ma jinhargux permessi. Is-Sur Agius sahaq illi b'mod partikolari kienu qieghdin jaslu talbiet ghal permessi ta' makkinarju fi Triq id-Dejqa u fi Triq San Mikiel li t-tnejn kienu pavimentati b'zonqor antik.

13.17.2 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm mal-pozizzjoni originali tieghu u ma jinhargux permessi ghal makkinarju hekk kif kien deciz.

**13.18 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

13.8.1 Is-seduta giet fi tmiemha fis-7:05p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-18 ta' Awissu 2022 fl-5:30 p.m.

Konfermati, illum it- 18 t'Awissu, 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |